MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## JOSEPH AZZOPARDI

Seduta tal-5 ta' Novembru, 2009

Citazzjoni Numru. 950/2009

**Victor Muscat**

**-vs-**

**Jelad Almani**

**Il-Qorti;**

Rat ir-rikors ġuramentat ippreżentat fl-1 ta' Ottubru 2009 li permezz tiegħu l-attur ippremetta:

1. Illi l-attur huwa proprjetarju ta' fond *showroom* 219, "Fajsu Autodealer" li jinsab f'Naxxar Road, Birkirkara.

2. Illi l-attur kien kera l-istess fond lill-konvenut permezz ta' skrittura privata datata 26 ta' Ottubru 2004.

3. Illi fl-istess skrittura kien hemm miftiehem illi "jekk is-sid għal raġunijiet personali jrid ix-*showroom* lura, jrid javża lill-kerrej 6 xhur bil-quddiem".

4. Illi l-attur kien, permezz ta' ittra ufficjali datata 22 ta' Lulju 2008, interpella lill-konvenut illi kellu bżonn jieħu lura l-istess *showroom*.

5. Illi l-konvenut għalhekk qiegħed jokkupa l-fond in kwistjoni mingħajr ebda titolu validu fil-liġi.

6. Illi l-konvenut m'għandux eċċezzjonijiet validi x'jagħti in kontro-trattazzjoni għat-talbiet attriċi u għalhekk jippersistu ċ-ċirkostanzi kontemplati fl-artikoli 167-170 tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta.

Għaldaqstant l-esponent jitlob umilment li din l-Onorabbli Qorti jogħġobha:

1. Tiddeċiedi din il-kawża bid-dispensa tas-smiegħ a tenur tal-artikoli 167-170 tal-Kap. 12.

2. Tordna lill-konvenut sabiex fi żmien qasir u perentorju, li din l-Onorabbli Qorti jogħġobha tipprefiġġi, jiżgombra mill-fond *showroom* 219, "Fajsu Autodealer" li jinsab f'Naxxar Road, Birkirkara, u dan prevja kull dikjarazzjoni li din il-Qorti jidhrilha xierqa u opportuna, inkluż dikjarazzjoni li l-konvenut qiegħed jokkupa l-imsemmi fond mingħajr ebda titolu validu fil-liġi.

Bl-ispejjeż u l-konvenut inġunt in subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni maħlufa tal-atturi u l-lista tax-xhieda.

Rat id-digriet tagħha tal-lum stess li permezz tiegħu l-Qorti ċaħdet it-talba tal-konvenut biex jippreżenta risposta u jikkontesta t-talba tal-attur *stante* li dehrilha li ma kellux eċċezzjoni valida xi jressaq.

**Billi għalhekk it-talba attriċi hija fondata u timmerita li tiġi milqugħa, tilqa' t-talbiet kollha attriċi, u għall-fini**

**tat-tieni talba tipprefiġġi terminu ta’ tlett xhur għall-iżgumbrament.**

**L-ispejjeż jitħallsu mill-konvenut.**

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------